MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2014

Numru 550/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Omissis

Akkuzat talli:

1. Fl-1 ta’ Gunju, 2014 ghal habta ta’ bejn l-00:15hrs u 01:30hrs gewwa il-Bajja ta’ San Gorg, ikkommeta serq ta’ oggetti, flus u dokumenti minn fuq il-persuna ta’ Muath Abeid liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disa’ u ghoxrin Euro u seba’ u tletin centezmu (€2329.37) u bil-hin u dan ghad-detriment ta’ Muath Abeid.
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrest, zamm jew issekwestra lil Muath Abeid kontra l-volonta tieghu;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa bi strument li jaqta u bil-ponta fuq il-persuna ta’ Muath Abeid skond kif iccertifikat Dr.Satya Brata Das mill-Isptar Mater Dei.
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu sikkina minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti, giet mitluba ukoll sabiex barra mill-tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat l-artikoli 37, 86, 221, 261(a)(c)(f), 262(1)(a)(b), 267, 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-eta u l-fedina penali netta ta'l-imputat kif ukoll il-fatti partikolari ta' dan il-kaz u x'wassal lill-imputat biex jagixxi kif agixxa.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 37, 86, 221, 261(a)(c)(f), 262(1)(a)(b), 267, 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A ta'l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn (2) u ammenda ta' hamsin Euro (€50) li ghandha tithallas fi zmien gimgha. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 57 tal-Kapitolu 480 qed tiskwalifika lill-imputat minn kull licenzja taht il-Kapitolu 480 ghal perjodu ta' hames (5) snin u b'applikazzjoni ta'l-

artikolu 383 tal-Kapitolu 9, biex tipprovdi ghas-sigurta ta’ Muath Abeid u ghaz-zamma ta’l-ordni pubblika qed torbot lill-imputat b’obligazzjoni tieghu nnifsu ghal perjodu ta’ sena taht penali ta’ hames mitt Euro (€500) li ma jdejjaqx u ma jimmolestax lill-imsemmi Muath Abeid.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------